FIT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

ECF: EC/00003/20
POST: SITE AT MISRAH SAN GWANN K/M TRIQ IL-MERKANTI, BELT VALLETTA
ALLEGAT KSUR: GHANDEK ZVILUPP MINGHAJR PERMESS LI JIKKONSISTI FI: 1) STRUTTURA / TINDA TAL-PLASTIK, B' QAFAS TAL-METALL, IMPOGGIJA FUQ ART PUBLIKA; 2) TPOGGEW IMWEJJED U SIGGIJIET F' ZONA IKBAR MIN DIK APPROVATA FIL-PERMESSI PA/02699/04 U DN/01683/14; 3) KSUR TA' KUNDIZZJONIJIET NUMRU 1, 2, 3, 4, 6 U 9 TAL-PERMESS PA/02699/04.

RONMENT AND PLANN REVIEW TRIBUNAL 23 JAN 2020 FLORIANA

JOSEPH BONELLO BIANCO (KI NRU. 471884M)

VS.

L-AWTORITA TAL-IPPJANAR

**APPELL SOTTOMESS MINN JOSEPH BONELLO BIANCO (KI NRU. 471884M)**

Jissottometti bir-rispett:

Permezz ta' *Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq* datat 8 ta' Jannar 2020 (EC/00003/20) l-esponenti appellant gie ordnat mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex fis-sit f'Misrah San Gwann k/m Triq il-Merkanti, Belt Valletta, jieqaf immedjatament l-izvilupp hawn fuq imsemmi u kull zvilupp iehor fuq is-sit in kwistjoni u jekk ghadu jsir, ma jinbeda ebda zvilupp iehor fuq is-sit, u jittiehdu dawk il-passi sabiex jieqaf il-ksur u jnehhi kull zvilupp li ghandu minghajr permess u jregga' lura s-sit ghall-istat kif kien approvat fil-Permess PA/02699/04 u DN/01683/14;

L-appellanti jhoss ruhu aggravat b'dan l-avviz u qed jinterponi l-umli appell tieghu minnu ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok ma hemm ebda struttura/ tinda tal-plastik ta' natura permanenti fuq l-imsemmi sit kif imsemmi fl-avviz ta' infurzar u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni u kif jidher mir-ritratt hawn aness u mmarkat Dok. JBB 1;

2. Illi fir-rigward tal-imwejjed u siggijiet li jinsabu fuq is-sit jigi rrilevat is-segwenti:

Illi, l-appellant dejjem ottempera ruhu mal-permessi tal-Awtorita;

Illi nonostante dan, jigi rrilevat illi l-Heritage Unit ghalaq parti mis-sit, kif jidher mir-ritratt li qed jigi mmarkat Dok. JBB 1, anness ma dan l-appell u

kienu filfatt membri tal-istess li talbu lill-appellant biex iressaq l-imwejjed u s-siggijiet fil-post fejn jinsabu llum, u dan b'mod temporanju sakemm tal-Heritage jaghmlu x-xogholijiet taghhom;

Illi kien ghalhekk li l-appellant ottempera ruhu mad-direttivi li tawh tal-Heritage Unit.

3. Illi b'referenza ghall-allegat ksur ta' kondizzjonijiet numru 1,2,3,4,6 u 9 tal-Permess PA/02699/04, jigi rrilevat illi l-appellant dejjem ottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-permessi kollha kemm PA 02699/04 u kif ukoll DN/01683/14 u konsegwentement ma hemm ebda ksur u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazjoni tal-kaz;

4. Illi l-avviz huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dan stante li parti mill-bini ilu mibni ghal zmien twil;

L-appellant jirriserva d-dritt li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri u jipprezenta provi ulterjuri permezz ta' xhieda u dokumenti matul is-smigh tal-appell.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u ghar-ragunijiet kollha li ser ikunu sottomessi waqt is-smiegh tal-appell, l-appellant, filwaqt li jirrizerva d-dritt li jipproduci dawk il-provi u xhieda, umilment jitlob lil dan it-Tribunal sabiex l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq bin-numru EC/0003/20 fuq indikat jigi revokat u annullat.

**Avv. Michael Grech**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

**Avv. Alicia Borg**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

Appellanti: 107, Triq San Gwann, Valletta

FIT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

ECF: EC/00003/20

POST: SITE AT MISRAH SAN GWANN K/M TRIQ IL-MERKANTI, BELT VALLETTA

ALLEGAT KSUR: GHANDEK ZVILUPP MINGHAJR PERMESS LI JIKKONSISTI FI: 1) STRUTTURA / TINDA TAL-PLASTIK, B' QAFAS TAL-METALL, IMPOGGIJA FUQ ART PUBLIKA; 2) TPOGGEW IMWEJJED U SIGGIJIET F' ZONA IKBAR MIN DIK APPROVATA FIL-PERMESSI PA/02699/04 U DN/01683/14; 3) KSUR TA' KUNDIZZJONIJIET NUMRU 1, 2, 3, 4, 6 U 9 TAL-PERMESS PA/02699/04.

JOSEPH BONELLO BIANCO (KI NRU. 471884M)

VS.

L-AWTORITA TAL-IPPJANAR

<u>LISTA TA' XHIEDA</u>:

1. L-appellant sabiex jixhed dwar il-fatti – 107, Triq San Gwann, Valletta;
2. Perit Godwin J. Aquilina;
3. Superintendence of Cultural Heritage u/jew rapprezentant tieghu;
4. L-enforcement officer/s sabiex jixhdu fuq l-avviz appellat- St Francis Ravelin, Floriana, FRN1230;
5. Rapprezentant Awtorita tal-Ippjanar sabiex jixhed fuq l-izvilupp u fuq l-applikazzjoni li hemm pendenti, fuq aerial photos u/jew dokumenti relattivi u sabiex jixhed ulterjorment - St Francis Ravelin, Floriana, FRN1230

**Avv. Michael Grech**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

**Avv. Alicia Borg**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

Appellanti: 107, Triq San Gwann, Valletta

FIT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| ECF: | EC/00003/20 |
| POST: | SITE AT MISRAH SAN GWANN K/M TRIQ IL-MERKANTI, BELT VALLETTA |
| ALLEGAT KSUR: | GHANDEK ZVILUPP MINGHAJR PERMESS LI JIKKONSISTI FI: 1) STRUTTURA / TINDA TAL-PLASTIK, B' QAFAS TAL-METALL, IMPOGGIJA FUQ ART PUBLIKA; 2) TPOGGEW IMWEJJED U SIGGIJIET F' ZONA IKBAR MIN DIK APPROVATA FIL-PERMESSI PA/02699/04 U DN/01683/14; 3) KSUR TA' KUNDIZZJONIJIET NUMRU 1, 2, 3, 4, 6 U 9 TAL-PERMESS PA/02699/04. |

JOSEPH BONELLO BIANCO (KI NRU. 471884M)

VS.

L-AWTORITA TAL-IPPJANAR

<u>LISTA TA' DOKUMENTI</u>

1. Dok. JBB 1 – Ritratt;
2. Dok. JBB 2 – Kopja tal-avviz li qed jigi appellat;

L-appellanti jirrizervaw l-jedd li jezibixxu dokumentazzjoni ulterjuri matul il-kors tal-appell.

**Avv. Michael Grech**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

**Avv. Alicia Borg**
*45/19, Strait street, Valletta VLT 1434*

Appellanti: 107, Triq San Gwann, Valletta